# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' Novembru 2008

## li taħtar membru Olandiż u żewġ membri supplenti Olandiżi tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2008/904/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Olandiż,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010 ([1]).

(2) Wara r-riżenja tas-Sur Nico SCHOOF tbattal post ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni. Wara r-riżenja tas-Sur Lodewijk ASSCHER tbattal post ta' membru supplenti. Wara l-ħatra, permezz ta' din id-deċiżjoni, tas-Sur Bas VERKERK bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni tbattal post ieħor ta' membru supplenti,

IDDECIEDA KIF GEJ:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2010:

(a) bħala membru:

— is-Sur Bas VERKERK, Burgemeester van Delft (tibdil tal-ħatra),

u

(b) bħala membri supplenti:

— is-Sur Job COHEN, Burgemeester van Amsterdam,

— is-Sur Hans KOK, Burgemeester van Hof van Twente.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, 27 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kunsill,*
*Il-President*
L. CHATEL

([1]) ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.